Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sebgħa u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 28.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

28.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li waslet il-kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet.

28.2.2 Din turi biċ-ċar li Kunsill ma jistax jibqa' jidħol b'kollaborazzjoni f'attivitajiet organizzati minn għaqdiet fil-lokalita'. L-attivitajiet għandhom ikunu organizzati mill-Kunsill.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 d-dieħla se jintaqa' mal-kuntratturi li wrew l-interess jagħmlu x-xogħol ta' twaħħil tal-madum fil-bini l-ġdid tal-Kunsill sabiex jaraw eżatt x'tip ta' xogħol li hemm bżonn sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-istima tagħhom.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' semma li xi nies qed ixerrdu xnieha li hu qed jipprova jwaqqaf lill-Kunsill milli jmur fil-*premises* il-ġodda. Il-Kunsilliera qalu li huma ma semgħu xejn mingħand ħadd.

28.4.2.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' staqsa lill-Kunsillier Joe Galea fuq kif bqajna fuq il-problema ta' parkeġġ quddiem il-garaxx numru 17, Triq it-Tliet Knejjes.

28.4.2.2 Il-Kunsillier Joe Galea qal li wara li mar jispezzjona l-akwati, ġie deċiż li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta għal permess sabiex tkun tista' titwaħħal tabella 'No Parking'.

28.4.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma li fil-Wied ta' Ħal Balzan il-parti ta' fejn hemm is-siġar hemm parti mingħajr bankina. L-akwati kienu ġew iċċekkjati mill-Handyman fejn kien spjega lis-Segretarju Eżekuttiv li jekk issir il-bankina f'dik il-parti tat-triq, tinħoloq problema tat-traffiku minħabba l-fatt li żewġ (2) karozzi ma jibqgħux jagħddu ma' ġenb xulxin għax it-triq tidjieq.

28.4.4.1 Il-Kunsillier Joe Galea informa lill-Kunsill li ser jintaqa' mal-Perit Etienne Magri u mal-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol fuq il-bankina ta' quddiem dar 84, Triq il-Kbira. Dan għaliex il-Perit ma ċċertifikax ix-xogħol li għamel il-kuntrattur u għalhekk baqa' ma tħallasx.

28.4.4.2 Huma ser jintaqgħu sabiex il-Perit jispjega lill-kuntrattur x'tip ta' xogħol hemm bżonn li jsir fuq il-bankina, sabiex ikun jista' jiċċertifika x-xogħol.

28.4.5.1 Il-Kunsillier Joe Galea semma wkoll il-problema ta' l-istat tat-triq quddiem iz-zuntier tal-Knisja, Triq il-Kbira, fejn qal li qed terġgħa tinżel il-parti ta' fejn hemm it-tappiera.

28.4.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li diġa kitbet lill-Perit sabiex jinforma lill-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol fil-pjazza fil-Proġett ta' l-ERDF peress li din għada taħt garanzija.

F'dan il-ħin (4.45pm) daħal il-Viċi Sindku Andre' Grech għal laqgħa.

28.4.6.1 Il-Kunsillier Joe Galea informa lill-Kunsill li kellem lil sid garaxx li qed jikri il-Kunsill dwar il-possibilta' li nikru garaxx li jesgħa żewġ (2) karozzi minnflok waħda (1). Is-sid informa lill-Kunsillier Joe Galea li l-kirja tal-garaxx tkun ta' €180 fix-xahar.

28.4.6.2 Il-Kunsill innota li l-prezz hu għoli għalhekk il-Kunsill se jkompli jfittex garaxx ieħor li jkun jista' jikri jew jixtri bi prezz raġjonevoli.

28.4.7 Il-Viċi Sindku Andre' Grech informa lill-Kunsill li waqt laqgħa annwali tal-Green Mt li attenda, semmew li hemm liġi fejn tgħid li jew il-kollettur ta' l-iskart li jkun qed jiġbor skart domestiku, isib borża mimlija flixken tal-ħġieġ, hu obligat li jiġborha. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja dwar dan mal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

28.4.8 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma li residenta fil-Wied ta' Ħal Balzan qed titlob biex isir *MC Bay* fejn saru l-*parking bays* il-ġodda fil-Wied ta' Ħal Balzan. Se jiġi ċċekjat jekk hemmx post fejn isir bejn żewġ (2) garaxxijiet.

28.4.9.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat staqsa kif bqajna fuq it-talba ta' residenta li kien bagħat permezz ta' email. Ir-Residenta qed titlob biex issir *shade* mal-bozza li hemm imwaħħla mad-dar tagħha 'Exotique', fi Triq Sir Antonio Micallef peress li qed jidħlilha ħafna dawl ġewwa.

28.4.9.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' irrimarka li jekk il-Kunsill japprova li ssir *shade*, dan ser joħloq preċedent.

28.4.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv se ġġib kwotazzjoni ta' *shade* mingħand il-kuntrattur li jsewwi l-bozoz u din it-talba tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

28.4.10 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li l-bozza l-ġdida li twaħħlet fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet issa qed tixgħel.

## 28.5 Ċirkulari 43/2016 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017

28.5.1 Ġiet innutata Ċirkulari 16/2016 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Allokazzjoni għal 2017 żdiedet €11,623.29 meta kkumparata ma' l-Allokazzjoni għas-sena 2016.

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-*Draft Budget* għall-2017

28.6.1 Id-Draft Budget għas-sena finanzjarja 2017 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuż). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera.

28.6.2 L-estimi, kif kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġew approvati unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tippreżenta kopja fil-format formali skont ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

F'dan il-ħin (6.00pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.10pm.

## 28.7 Ħatra tal-bord ta’ l-evalwazzjoni għat-Tender għas-Servizz ta’ Handyman

28.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar il-bord ta’ l-evalwazzjoni għat-Tender għas-servizz ta’ *Handyman* li dan ġie maħruġ bis-sitema tal-ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fid-9 ta’ Jannar 2017.

28.7.2 Ġie deċiż li l-iskrivana Mariella Casha u l-Viċi Sindku Andre’ Grech se joqgħodu *Opening Staff*.

28.7.3 Il-Bord ta’ l-evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Is-Sindku Ian Spiteri u l-Kunsilliera Joe Galea u Desmond Zammit Marmara’ se jkollhom ir-rwol ta’ *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jkollu r-rwol ta’ *Chairperson* tal-bord ta’ l-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

## 28.8 Tender għal manutenzjoni ta’ tabelli u sinjali tat-toroq u Tender għaż-żamma u manutenzjoni ta’ ġonna u *soft areas*

28.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien biex jinħareġ it-Tender għal manutenzjoni ta’ tabelli u sinjali tat-toroq u Tender għaż-żamma u manutenzjoni ta’ ġonna u soft areas. Il-Kunsill unanimament approva sabiex jibda l-proċess.

## 28.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

28.9.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti li ġġib id-data ta’ l-14 ta' Diċembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 14,554.34.

28.9.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 28.10 Punti oħra

28.10.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fit-23 ta’ Novembru 2016 irċiviet taħrika sabiex tidher personalment quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar, nhar it-Tlieta 6 ta’ Diċembru 2016 sabiex tixhed dwar Appell Nru 37/13E fuq Villa Carmar, Vjal Sir Michaelangelo Refalo k/m Triq l-Imdina.

28.10.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi ppreżentat kopja ta’ l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li kien hemm bejn il-Kunsill, ir-residenti u l-MEPA quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar bħala xhieda ta’ l-ilmenti li kien hemm fuq dan il-każ.

28.10.1.3 Is-smiegħ fuq dan l-Appell ġie diferit għall-14 ta’ Marzu 2017, fejn is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġiet mitluba sabiex titla’ tixhed.

28.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet ittra mill-iskriva fejn qed titlob sabiex iġġedded 43.25 siegħa mill-*leave* ta’ din is-sena għal 2017. Il-Kunsill approva unanimament.

28.10.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li nfurmat lill-Jobsplus li l-kandidati li ġew imsejjħa għall-interview għall-impjieg ta’ skrivan/a fuq bażi ta’ *part-time* ma laħqux il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill, illum wasal il-permess mill-Jobsplus sabiex noħorġu sejħa pubblika.

28.10.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-avviż ser jidher nhar il-Ħadd 18 ta’ Diċembru 2016 fuq it-*Times of Malta* u fuq il-*Malta Independent.* Is-sejħa tagħlaq nhar is-Sibt 24 ta’ Diċembru 2016.

28.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni minn Ampere Ltd li tammonta għal €1,162.30 sabiex jippreparaw Android u iOS *app* fuq il-*Heritage Trail* ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva unanimament il-kwotazzjoni. B'din l-*app* ikun jista' jingħalaq il-proġett ta' l-ERDF.

## 28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

28.11.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |